Avviż Numru CCT 92/19/F

**Tiziana Vella**

**vs**

**K-Optics Co. Ltd.**

Illum, 31 ta' Jannar, 2020

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-6 t'Awwissu, 2019 fejn ir-rikorrenti talbet danni mitejn u tletin Ewro (€230), rappreżentanti l-prezz ta' frame tan-nuċċali li wara ċertu żmien kellu l-ħsara.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta,

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat nuċċali mingħand id-ditta ntimata għall-prezz ta' mitejn u tletin Ewro (€230), u fi żmien il-garanzija ta' sentejn, bidlulha ż-żewġ lenti b'xejn għax kellha xi difett fihom. Illi wara li bidlulha l-lenti, indunat illi s-sieq tan-nuċċali kienet maqsuma.

It-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' ntimata għamlet minn kollox sabiex tipprova tgħin lir-rikorrenti, pero' jaraha stramba kif wara ċertu żmien is-sieq tan-nuċċali ma kinitx qed tiffitja tajjeb, illi jekk ma tiffitjax tajjeb, dan għandu jkun mall-ewwel. Pero' xorta jibqa' l-fatt illi n-nuċċali ma kienx tajjeb għall-użu li nxtara.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti mija u ħamsin Ewro (€150), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi n-nuċċali jibqa' propjeta' tar-rikorrenti.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**